# Ħamsin sena ilu...

## Jitnieda l-album 'Għanjiet minn Malta - Songs from Malta'

**Noel D'Anastas**
ndanastas@gmail.com

Wieħed mill-aktar albums li għamel marka sinifikanti fl-istorja tal-mużika popolari lokali kien 'Għanjiet minn Malta – Songs from Malta'. Dan l-album li joħroġ l-kollaborazzjoni mużikali ta' Prof Charles Camilleri mżewweġ tant tajjeb mal-versi tal-Prof Joe Friggieri, wassal għall-popolarità lill-kantanta Mary Rose Mallia li bil-ħlewwa, id-dinamika u l-grinta tal-vuċi tagħha, sawret dawn l-għanjiet fost is-sbieħ fir-ripertorju klassiku f'dak li ħareġ minn din il-gżira. U min ma semax b'*Il-Festa* u *Il-Pont ta' Wied Rummiena*?

Hemm imnaqqax fihom sens ta' identità nazzjonali, kanzunetti 'artistiċi' miktuba b'abbiltà u intellettwali, l-użu ta' kliem in-nies tat-triq mal-mużika ħelwa li tpaxxilek widnejk, ispirata mill-vina u l-idjoma li tgħid, "din Maltija". Uħud minn dawn l-għanjiet indaqqu fuq l-indaqqu u għalkemm għadda minhom nofs ta' seklu, għadhom sbieħ, għadhom friski, għadhom jintalbu. Ħamsin sena oħra, jien ma nkunx hawn, iżda dawn ikunu għadhom jindaqqu u probabbli, aktar imfittxija.

'Għanjiet minn Malta' inħema fiż-żmien elettrifikanti, fiż-żmien "il-ftugħ il-wiesgħa". Fiż-żmien li Malta kienet taspirak. Il-bidla soċjali, ekonomika u kulturali mwettqa fit-tieni nofs tas-sittinijiet wara l-kisba tal-Indipendenza, rat ir-rota ddur f'daqqa – il-letteratura, liema Moviment Qawmien Letterarju ħoloq ironikament elitiżmu ġdid; il-femminiżmu, l-element akkademiku u dak intellettwali, u l-kultura żagħżugħa esposta għall-kurrent ta' dak li kien qed jinżamm fiż-żewġ naħat tal-Atlantiku, kienu qed jiffunzjonaw simultanjament.

L-ekonomija Maltija kienet qed tara żvilupp sostenibbli f'manifattura għall-esportazzjoni u t-turiżmu kien beda jiffjorixxi sew. Jinnamra mat-turiżmu, id-divertiment mużikali u l-'Lejla Maltija' fil-lukandi mmirati għal dawk li kienu qed ippoġġu l-istorja, ix-xemx u l-baħar fl-aġenda tas-safra tagħhom. Kien iż-żmien meta beda jinħass il-polz li l-Malti jrid ikun jaf min hu.

### Ħamsin sena ilu

L-1972 tiddokumenta l-mawra ta' Lord Carrington f'Malta, l-użu tal-muniti deċimali u t-tħeżżiża li kulħadd kien erħilha lejn Ta' Qali, il-Fosos u spazji miftuħa. F'dik is-sena wkoll, l-industrija mużikali Maltija bdiet twarrad. L-istabbilimenti tad-diski ta' Anthony D'Amato kien nieda l-ewwel cassette bil-Malti li nkluda 14-il għanja. David Azzopardi, dak iż-żmien Patri mal-Moviment tas-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl (MSSP), flimkien mal-MSSP Guitar Group kien nieda l-ewwel single tiegħu *Paċi u Sliem/Taf xejn il-kulur t'Alla* fuq it-tikketta Ciro Records. Vanni Pule u Maryanne u xi ħbieb ħarġu l-EP 'Protesta' fuq it-tikketta Electro. Fil-25 ta' Marzu, l-għada tad-duluri, Malta tieħu sehem fis-17-il edizzjoni tal-Eurovision Song Contest fl-Iskozja b'*L-Imħabba* interpretata minn Helen Micallef u Joe Cutajar tikklassifika fit-18-il post, fost it-18 parteċipant. Toħroġ rebbieħa, Vicky Léandros b'*Après toi*, rebħa mis-tħoqqa għal-Lussemburgu, waħda mis-sbieħ li ħarġu fl-istorja ta' dan il-manifest mużikali.

*L-Imħabba* kellha kliem ta' Albert M. Cassola, wieħed mill-aktar awturi magħrufa fost il-parteċipanti tal-Malta Song Festival. Il-mużika kienet ta' Charles Camilleri, avventura ġdida għal dan il-kompożitur f'dan ix-xenarju li żgur ma marritlux kif xtaq. B'dan kollu, l-1972 żgur li ma ħallitlux il-morr!

### Jitwieled 'Għanjiet minn Malta'

Fl-ewwel jiem t'Awwissu tal-1972 għall-festa tas-Salvatur ta' Ħal Lija, kien tnieda 'Għanjiet minn Malta/Songs from Malta', deskritt bħala l-ewwel Long Play (LP) sterjofoniku maħruġ f'Malta. Il-ġurnali lokali rrappurtaw il-konferenza għall-aħbarijiet li kienet inżammet fil-Lukanda Phoenicia fil-Furjana li għaliha kien hemm preżenti l-protagonisti, Charles Camilleri, Joe Friggieri u Mary Rose Mallia li kien għad kellha 19-il sena. Preżenti magħhom kien hemm is-sinjorina Liliana Vella Cousin, ir-rappreżentanta tal-*Malta Talent Artist* li kienu ħadu ħsieb id-distribuzzjoni f'Malta ta' dan l-LP, għalkemm wara din għaddiet f'idejn Pawlu Mizzi tal-Klabb Kotba Maltin. Fl-armaturi tal-ħwienet tad-diski, l-LP kien qed iġib il-prezz ta' Lm1.50 (€3.49). Mistoqsi kemm kien dam jikteb il-mużika għalih, Camilleri kien qal li ħa madwar sena. Dan kien ir-raba' album li rrekordja.

'Għanjiet minn Malta' ġabar fih 12-il għanja – 'art songs', tnejn minhom strumentali. Dawn ġew irrekordjati b'mod professjonali f'CTS Studios ta' Londra fuq it-tikketta Academy. Dan l-LP kien ippubblikat minn Monjon Production Ltd bi produzzjoni ta' John Watson. L-inġinier f'dan il-proġett kien John Richards.

L-LP kien ippreżentat f'qoxra tal-kartun (jacket) iddisinjata minn ħu l-awtur stess, Donald Friggieri li kien pijunier fit-tagħlim tad-disinn tridiensjonali f'Malta. Donald li inċidentalment ħalliena fi Frar li għadda jibqa' wkoll marbut mad-disinn tat-trofew tal-Għanja tal-Poplu. F''Għanjiet minn Malta', bl-aktar mod sempliċi iżda effettiv, Donald Friggieri joħroġ ix-xenarju u l-identità Maltija fis-sentiment tal-ħajt tas-sejjieħ, ix-xemx u l-baħar, l-istess element li jfittex it-turist, xi ħaġa li wkoll ġie trattat f'diski oħra tas-sittinijiet u sebgħinijiet. Dan ġie stampat fil-Progress Press.

Għalkemm il-kanzunetti huma bil-Malti, in-noti fuq wara tal-qoxra tad-diska twasslu bilingwali bil-għan li dan ir-rekording ikun immirat għat-turist. Fin-nota bijografika, l-artistrija ta' Charles Camilleri tkun imxebbħa mal-ideal 'Malti' f'dak li kien qed jitwassal mir-rumanzier u drammaturgu kontemporanju Francis Ebejer li kien diġà kiteb uħud mill-aqwa xogħlijiet teatrali importanti tiegħu, fosthom *Vaganzi tas-Sajf* (1962), *Boulevard* (1964), u *Menz* (1967). Isemmi wkoll lill-arkitett Richard England li fl-ewwel snin tas-sebgħin kien diġa stabbilixxa ruħu fuq ix-xogħol li kien sar fil-Bank Centrali kif ukoll dak li kien għaddej bil-bini tal-knisja tal-Manikata.

Fost il-linji bijografiċi insibu hekk: "F'dawn l-għanjiet, spirati mill-folklor u minn temi moderni, id-deċiżjoni tal-kompożitur li jaħdem mal-poeta liriku żagħżugħ Joe Friggieri u mal-kantanta Mary Rose, kienet l-aħjar għażla li seta' jagħmel. Hawnhekk il-kliem, il-leħen, u l-mużika jingħaqdu biex jirriflettu b'mod meraviljuż l-ispirtu tal-art u tan-nies li jgħixu fuqha, f'armonija li hi qadima daqskemm hi ġdida u ta' dejjem."

Fid-disgħinijiet, il-KTA kien reġa' ħareġ dan l-album fuq CD.



Mary Rose Mallia, Charles Camilleri u Joe Friggieri waqt il-konferenza tal-aħbarijiet




L-ewwel Long Play (LP) sterjofoniku maħruġ f'Malta 'Għanjiet minn Malta – Songs from Malta', li jagħti sens ta' identità nazzjonali unika

## Għanjiet minn Malta – Songs from Malta

**Fuq l-ewwel naħa tal-LP (Side 1)**
It-tfajla tar-Rdum (The girl on the cliffs)
Suldat (Soldier)
Il-festa (Festa)
Rajt Raġel (I saw a man)
Iż-żifna (The Dance)
L-Għanja tas-Sajjieda (Fishermen's Song)

**Fuq it-tieni naħa tal-LP (Side 2)**
Kemm iddum (It-takes so long)
Taħżiż (Sketches)
Bħal-lum (Today)
Il-Pont ta' Wied Rummiena (The Bridge at Wied Rummiena)
Minwett tal-Granmastri (Grandmasters' Minuet)
Il-Bejjiegħa tal-Ward (The Flower-Girl)

# Tispikka l-vuċi ta' Mary Rose Mallia

Għall-kantanta Mary Rose, dan kien l-ewwel album tagħha wara li kienet diġà qed tagħti prova li hi waħda mill-aħjar kantanta Maltija f'dan it-tip ta' kant. 'Bl-esperjenza li akkwistat mill-kant f'night-clubs, fuq it-television u f'għadd ta' festivals internazzjonali. Mary Rose tkanta bil-Malti b'dik il-kjarezza u b'dik il-passjoni li jġegħluk tħossok trid terġa' tisma' kollox mill-ġdid.' Din tkompli tinjettalek is-sentiment u l-ispirtu tal-identità Maltija. "The rhythm has been taken from the Maltese language thus rendering this classic purely Maltese.," jirrimarka l-ġurnalista ta' The Times of Malta wara l-konferenza għall-istampa.

Mary Rose Mallia kien għad kell-ha 19-il sena. Kienet diġà daqqet xi suċċess fil-Malta Song Festival. Fl-1967 tikklassifika fit-tielet post, ma' Tessie Micallef u fis-sena ta' wara tirbaħ dan il-festival flimkien ma' Helen Micallef, festival organizzat mill-Malta Song Festival Board taż-Żgħażagħ Ħaddiema Nsara flimkien mal-kumpanija tar-Rediffusion.

Mary Rose ġġib il-memorja ta' kif ġrat l-istorja. Tgħid hekk: Jien kont qed nippreżenta programm 'Il-Folk f'Malta', jien u Vanni Pule. Kont inkanta songs ta' Leonard Cohen, u kont ġejt introdotta mal-folk. U darba minnhom għamilt biċċa mill-Għarusa tal-Mosta fuq l-għanja Maltija. Joe Friggieri kien għadu kif ġie minn barra bid-dottorat tiegħu. Konna qed nitkellmu għax ukoll konna għamilna xi teatru flimkien. Qalli Charles Camilleri qed iffittex lil xi ħadd biex ikantalu f'album fuq il-folk. Il-papa minn dejjem kien jgħidli, Mary Rose inti mhux għal hawn, inti trid titlaq 'il barra. U kif sema li hawn din l-opportunità, qalli niffinanzjahielek jien. Charles kellu mużicisti li kien jafhom barra. Morna CTS Studios Londra għax dak iż-żmien ma kienx hawn studios hawn Malta. Irrekordjajthom f'ġurnata.

Għamilna xi tliet xhur niltaqgħu jien, Joe Friggieri u Charles Camilleri fid-dar ta' Charles stess. U Charles Camilleri kien jipprova l-melodija "ta tata ta il-qalziet" biex juri lil Joe. Meta kien ikun hemm kelma Maltija bl-ittri ħarxin, kien jgħidlu, Joe biddilha dik. Ħdimna t-tlieta f'daqqa, għalhekk il-Malti ħareġ daqshekk sabiħ, mirqum. Għamilna ħafna rehearsals tagħhom bil-pjanu ma' Charles, imbagħad meta mort Londra kantajt mal-mużiċisti, live. Il-pjanist kien ta' Shirley Bassey, drums kien Tony Carr, Malti tgħidx kemm beka. Qalli ma kontx naf li hawn Maltin li jirrekordjaw albums, għax dan kien l-ewwel wieħed fix-xorta tiegħu. Dak iż-żmien Tony kien idoqq ma' 10CC. Kien hemm vjolin, flawt, kitarra u kontrabaxx, kollha barranin. Tiskanta kif Charles għamel l-arraġamenti bażiċi. Lill-mużiċisti kien jagħmlilhom mossa u jimlew u tiskanta kif il-feeling Malti daħlu fih. Meta tisma' l-album, tisma' Malta.

Id-disinn tal-album kien għamlu Donald, ħu Joe. Lil Donald kont nafu għax kien għamel waħda mill-partijiet prinċipali f''Die Fledermaus' u miegħu kont għamilt ukoll 'Orpheus in the underworld' f'St Michael College. Dak iż-żmien qisna konna 'all in the family'. Tiskanta kif kienet inbiegħet aktar lit-turisti.

Dak iż-żmien kont bdejt noħroġ ma' Renato u Renato kien miegħi fl-istudio meta rrikordjajtha. Niftakar dak iż-żmien konna morna Londra jien u l-papa, u waqt li qed nitkellmu għidtlu, "Pa hawn Renato". Kien qed ikanta La Bussola f'Londra dak iż-żmien. U għidtlu li qed noħorġu flimkien. Kien qalli, "għidlu jiġi". U Renato għamel ġurnata magħna.

Charles xtaq li jagħmel tnejn instrumentali. Hemm storja ħelwa fuq il-*Minwett tal-Gran Mastri*. Il-pjanist kien qallu li jixtieq ħoss differenti minn pjanu. U bdew jippruvaw ibiddlu l-ħoss. Bdew idoqqu fuq tastiera fuq in-naħa l-għoli. Imbagħad qallu, 'ara jekk hux dan il-ħoss li trid – u mar jipprova fuq ix-xylophone u qallu perfett. U dak il-ħin ħolqu l-ħoss li ried fil-*Minwett tal-Gran Mastri*.

Charles għamel il-melodija mbagħad Joe għaqqad il-poeżija, imbagħad saru xi modifiki biex il-Malti jkun aktar faċli biex jitkantah.

Nista' ngħidlek li meta l-Malti jkun miktub sabiħ hekk, m'hawnx isbaħ minnu. Jien nipprova li kull kelma tiftiehem minn min qed jisma'.

***It-tieni parti ta' dan l-artiklu jkompli l-Ħadd li ġej bil-kummenti tal-kritiċi u b'sintensi tal-intervista li kienet saret mal-awtur Joe Friggieri.***